MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2007

Numru 14/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Ahmed Abdul Salem Troum**

**Il-Qorti**:

Rat l-Att ta' Akkuza nru 14/2006 li permezz tieghu l-Avukat Generali akkuza lil Ahmed Abdul Salem Troum talli f'Novembru tal-2003 u fil-gimghat ta' qabel assocja ruhhu ma' persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika medicina f'Malta (erojina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101), jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni, u dan skond l-ewwel kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza; talli fit-30 ta' Novembru 2003 importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista' tigi importata medicina perikoluza (erojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-imsemmija Ordinanza, u dan skond it-tieni kap tal-Att ta'

Akkuza; u aktar talli fit-30 ta’ Novembru 2003 huwa kellu fil-pussess tieghu id-droga erojina bi ksur tal-ligi (l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi), b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan skond it-tielet kap tal-istess Att ta’ Akkuza;

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tal-4 ta’ Dicembru 2006 (quddiem din il-Qorti pero` sedenti l-Onor. Imhallef Joseph Galea Debono);

Rat in-nota kongunta ta’ l-Avukat Generali u tal-akkuzat prezentata fit-12 ta’ Jannar 2007 ghall-finijiet ta’ l-Artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali;

Rat il-linji gwida enuncjati fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali tal-5 ta’ Mejju 2005 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta’ Malta v. Anthony Camilleri*** ghal dik li hija l-procedura meta jkun hemm talba taht l-imsemmi Artikolu 453A(1) tal-Kap. 9;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet – l-Avukat Dott. Joseph Giglio ghall-akkuzat u l-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Stephen Tonna-Lowell ghall-Avukat Generali – fl-udjenza tal-bierah;

Spjegat bi kliem car lill-imputat Ahmed Abdul Salem Troum il-konsegwenzi tat-talba tieghu kif rikjest mill-Artikolu 453A(2) tal-Kap. 9; semghet lill-istess Ahmed Abdul Salem Troum jistqarr il-htija tieghu fir-rigward tar-reati migjuba fit-tliet kapi tal-Att ta’ Akkuza, f’liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u taghtu zmien biex jerga’ lura minnha, u dana fl-udjenza tal-bierah;

Rat l-Artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15A u 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A) tal-Kap. 101; ir-regola 9 tar-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi; u l-Artikoli 11, 17(h), 22, 23, 453A u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna – u dana fuq talba tal-partijiet – lill-imsemmi Ahmed Abdul Salem Troum ghall-piena ta’ ghaxar (10) snin prigunerija u multa ta’ ghaxart elef lira (Lm10,000) (konvertibbli f’sena ohra prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi); tikkundanna wkoll lill-hati jhallas lir-Registratur is-somma ta’ mija u zewg liri u hamsin centezmu (Lm102.50c) spejjez peritali, u dan fi zmien xahar mil-lum; u tordna l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u ta’ kull flejjes jew proprjeta` mobbli ohra u tal-proprjeta` immobbli kollha tal-imsemmi Ahmed Abdul Salem Troum, ukoll jekk il-proprjeta` immobbli minn meta huwa gie akkuzat ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta` mobbli jew proprjeta` immobbli jinsabu f’xi post barra minn Malta.

Fl-ahharnet tordna d-distruzzjoni, a kura tar-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali, tad-droga kollha ezibita f’dawn il-proceduri u dana mhux aktar tard minn gimghatejn mill-lum kemm-il darba l-Avukat Generali ma jiddikjarax, permezz ta’ nota prezentata mhux aktar tard minn jumejn mil-lum, li din id-droga jew parti minnha hija mehtiega in konnessjoni ma proceduri ohra jew ghal xi ghan legittimu iehor. Ir-Registratur ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddeskrivi fid-dettal il-process ta’ distruzzjoni, liema *proces-verbal* ghandu jigi inserit fl-atti ta’ dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------